# IS-SILLABU TAĊ-ĊES (2013)

**IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ** **SEC 25**

**IS-SILLABU**

| **It-Tagħlim Reliġjuż** | **ĊES 25** | (Ma jsirx f'Settembru) |
|---|---|---|
| **Is-Sillabu** | | L-1 Karta (Sagħtejn) + It-2 Karta (Sagħtejn) |

## Introduzzjoni

L-għan tas-suġġett tat-Tagħlim Reliġjuż hu li jgħin lill-istudenti jiżviluppaw id-dimensjon personali, reliġjuża u spiritwali. L-għażla tat-temi ta' dan is-sillabu ssegwi l-Istorja tas-Salvazzjoni bi Kristu bħala ċ-ċentru ta' kull żmien u ta' kollox. FI-istess waqt dawn it-temi huma ppreżentati minn dak l-aspett li jolqot l-aktar il-bżonnijiet u x-xewqat eżistenzjali tal-istudenti. B'dan il-mod is-sillabu jrid jintegra flimkien l-itinerarju teoloġiku / kontenut mal-itinerarju tematiku / psikoloġiku.

## L-Għanjiet tal-Eżami

L-għan ewlieni ta' dan is-sillabu huwa li jgħin lill-istudenti biex fl-iżvilupp globali tagħhom jiżviluppaw, wkoll fil-kuntest tal-edukazzjoni skolastika, id-dimensjoni reliġjuża. Irid jgħin lill-istudenti, issa li mxew 'il quddiem fl-iżvilupp intellettwali u morali tagħhom, biex b'mod kritiku u responsabbli jintegraw fi proġett, id-dimensjoni nisranija ħajja mal-esperjenza umana.

Għanijiet oħra li l-kandidati huma mistennija li jilħqu huma:
1. Li juru li fehmu l-lingwaġġ, it-termini u l-kunċetti l-aktar użati fil-qima u fit-twemmin kattoliku;
2. Li jippreżentaw b'mod sistematiku u oġġettiv l-elementi fundamentali tat-twemmin kattoliku (il-Fidi, il-Morali, il-Qima) u jagħtu spjegazzjoni raġunata u dokumentata tagħhom;
3. Li juru li jkunu midħla tal-Bibbja u ta' dokumenti oħra marbuta mat-Tradizzjoni Kattolika;
4. Li juru li jkunu fehmu kif l-insara għandhom jinterpretaw u jwieġbu għall-ġrajjiet sinifikattivi u l-kwistjonijiet morali ta' żmienna fid-dawl tal-Bibbja u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika;
5. Li jkunu kapaċi jlaqqgħu t-twemmin nisrani mal-ħajja ta' kuljum.

## L-lskema tal-Marki

Jingħataw żewġ karti ta' sagħtejn il-waħda. Il-karti tal-eżami jkunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Il-kandidati jridu jagħżlu li jwieġbu jew kollox bil-Malti jew kollox bl-Ingliż.

L-Ewwel Karta (40% tal-marka globali) tinħadem mill-kandidati KOLLHA. Il-karta jkun fiha tliet sezzjonijiet:
* Sezzjoni A. Din tkopri nofs il-marki u tkun tikkonsisti f'ħamsa u għoxrin (25) mistoqsija. Dawn il-mistoqsijiet jitolbu tweġibiet diretti u oġġettivi li jkopru s-sillabu kollu, l-aktar Objettiv Numru 1, kif imfisser fl-Għanijiet tal-Eżami.
* Sezjoni B. Din tkopri kwart tal-marki, tikkonsisti minn ħames mistoqsijiet li jirrikjedu tweġibiet itwal. Dawn il-mistoqsijiet ikopru l-aktar Objettiv Numru 2 kif imfisser fl-Għanjiet tal-Eżami.
* Sezjoni Ċ. Din tkopri l-aħħar kwart tal-marki, tikkonsisti minn żewġ gruppi ta' mistoqsijiet fuq tnejn jew tliet testi li jingħataw u li jirreferu direttament għall-kitba mill-Bibbja u/jew qari minn tagħlim tal-knisja. Dawn il-mistoqsijiet ikopru l-aktar Objettiv Numru 3 kif imfisser fl-Għanjiet tal-Eżami, u jridu jitwieġbu kollha. Mistoqsijiet oħra jkunu fuq il-kapaċità ta' komprensjoni fuq tnejn jew tliet testi li jingħataw u li t-tweġibiet tagħhom ikunu trattati fis-sillabu.

Ikun hemm żewg verżjonijiet tat-Tieni Karta (60% tal-marka globali): it-Tieni Karta A u t-Tieni Karta B. Il-kandidati jridu juru fuq il-karta tar-reġistrazzjoni tagħhom liema verżjoni jridu jagħmlu. Ebda bdil ta' din il-karta ma jitħalla wara li jkun għalaq iż-żmien tar-reġistrazzjoni.

It-Tieni Karta A jkollha mistoqsijiet itqal minn dawk tal-Ewwel Karta - il-kandidati jkollhom għażla ta' tliet mistoqsijiet minn ħamsa (kull waħda jkun fiha tliet mistoqsijiet li jridu jiġu mwieġba fil-dettall).

It-Tieni Karta B ikollha mistoqsijiet eħfef minn dawk tal-Ewwel Karta - il-kandidati jkollhom għażla ta' erbatax-il mistoqsija li minnhom jagħżlu għaxra. Kull mistoqsija tirrikjedi tweġiba f'forma ta' paragrafu.

**Riżultati**

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa 5 (jiġifieri Gradi 1, 2, 3, 4, 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (Unclassified).
Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, 7). Min ma jġibx Grad 7 jkollu U (Unclassified).

**Is-Sillabu**

**A. Il-PJAN TA' ALLA GĦAS-SALVAZZJONI**

***1. II-bniedem jistaqsi u Alla jwieġeb***

(a) Ir-reliġjonijiet bħala xhieda li l-bniedem irid ifittex sens għal ħajtu u għal dak kollu li jeżisti. Ir-rabta bejn il-fidi u r-raġuni: il-fidi u ċ-ċertezza xjentifika, il-fidi u s-superstizzjoni, il-fidi u l-fanatiżmu.
(b) It-tweġiba ta' Alla: II-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla fi kliem il-bnedmin, l-ispirazzjoni, kif ninterpretaw tajjeb il-Bibbja. Alla jidħol fl-istorja bi ġrajjiet u bi kliem - it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, ħarsa lejn l-istorja tas-Salvazzjoni.
(ċ) X'tiswa l-fidi nisranija fl-iżvilupp tal-bniedem; nies li fil-fidi nisranija sabu sens għal ħajjithom.

***2. AIla Ii Jsalva***

(a) Il-ħolqien u l-waqgħa tal-bniedem: l-esperjenza tal-ħażen u l-messaġġ ta' Ġenesi 1-3; il-ħolqien u t-teorija tal-evoluzzjoni; il-waqgħa tal-bniedem; x'inhu d-dnub *u* x'inhuma l-konsegwenzi tiegħu; id-Dnub tad-Dinja (id-Dnub Oriġinali).
(b) L-Esodu: Jaħweh, Alla li jeħles mill-jasar u joffri ħelsien sħiħ permezz tal-Patt.
(ċ) Ġesu' Kristu: fiH ir-Rivelazzjoni u l-Pjan tas-Salvazzjoni mfassal minn Alla jilħqu l-milja tagħhom; l-evidenza storika ta' Gesu': f'dokumenti mhux insara, fl-Evanġelji; Ġesu' bħala l-milja tal-proġett ta' Alla għall-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Quddiem Ġesu' it-tweġiba tal-bniedem hija għażla ta' ħajja jew mewt.

***3. Il-Komunità ta' Salvazzjoni***

(a) II-Knisja: il-Poplu l-Ġdid ta' Alla, il-Ġisem ta' Kristu, is-sagrament tal-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna; l-Ispirtu s-Santu jibni l-Knisja permezz tal-Kariżmi u l-Ministeri; il-Ġerarkija (il-Papa, l-Isqfijiet, is-Saċerdoti); il-ħajja Reliġjuża. Kulħadd hu msejjaħ biex jagħmel sehem mill-Knisja: l-Ekumeniżmu u l-Missjonijiet; kif l-insara jkunu membri ħajjin tal-Knisja.
(b) Il-Ħidma tal-Knisja:
i.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jissokta l-ħidma tiegħu tar-rikonċiljazzjoni. Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni bħala għaqda mill-ġdid ma' Alla u bejnietna.
ii.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jiċċelebra l-Għid il-ġdid u jissokta jibni l-komunità: il-ħelsien tal-Poplu l-Ġdid ta' Alla u l-Patt il-Ġdid f'demmu; l-attitudnijiet meħtieġa għal ċelebrazzjoni bi frott fil-quddiesa. II-ħadd bħala Jum iI-Mulej.
iii.) Fil-Knisja u permezz tal-Knisja, Kristu jissokta jfejjaq il-ħażen u l-firdiet soċjali u jibni dinja ta' libertà, il-Ġustizzja u l-imħabba; il-prinċipji ewlenin tat-tagħlim soċjali tal-Knisja; l-impenn tan-nisrani għall-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-Paċi bħala ċittadin ta' pajjiżu u tad-dinja kollha.

**B. IL-ĦAJJA TAN-NISRANI**

***1. Id-dinjità tan-Nisrani***

(a) ll-bniedem ifittex li jkollu stima tiegħu nnifsu.
(b) Fil-Magħmudija u fil-Griżma tal-Isqof, Kristu jagħti d-dinjità u l-libertà ta' wlied Alla. It-tweġiba tal-bniedem.
(ċ) Marija bħala n-Nisrani Ewlieni - il-post ta' Marija fil-messaġġ nisrani. Bħal Marija n-nisrani jagħraf id-dinjità tiegħu u jingħata f'servizz għall-oħrajn.

2. ***Rispett lejn il-ħajja***
(a) Il-ħajja: x'tiswa l-ħajja tal-bniedem; Alla, Sid il-ħajja, jurina fi Kristu t-triq ta' ħajja sħiħa.
(b) Fil-Knisja, Kristu jissokta t-tagħlim u l-ħidma tiegħu għall-ħarsien u l-promozzjoni tal-ħajja tal-bniedem; it-tagħlim tal-Knisja fuq il-ħajja: il-kontraċezzjoni, l-abort, l-ewtanasja, il-vjolenza, id-drogi, l-ekoloġija, il-kura tal-persuni bi bżonnijiet speċjali u tal-anzjani, is-sagrament tal-morda.

3. ***L-ogħla valuri fil-ħajja***
(a) Il-valuri ta' Gesu': l-imħabba bħala valur għoli u l-aktar fundamentali; l-imħabba lejn Alla u l-imħabba lejn il-proxxmu; nibnu l-prijoritajiet f'ħajjitna.
(b) L-attituduni tan-nisrani lejn ix-xogħol, lejn is-sesswalità u ż-żwieġ.

4. ***Lejn ħajja li tibqa'***
(a) It-Tama nisranija: il-qawwa tat-tama nisranija mibnija fuq ir-rabta tan-nisrani mat-Trinità Qaddisa: il-ħajja ma' Alla-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Il-milja ta' din il-ħajia fil-glorja tal-Ġenna.

**Testi ssuġġeriti**

*1. II-Proġett ta' Alla għal Żvilupp Sħiħ,* Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, 1994
*2. Il-Proġett ta' Alla f'Ħajti,* Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, 1995